PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Komunikazzjoni mill-Gvern tal-Wallonja dwar id-Direttiva Nru 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

(2011/C 183/09)

AVVIŻ MILL-GVERN TAL-WALLONJA DWAR PERMESS ESKLUSSIV GĦAR-RIĊERKA TA' IDROKARBURI TAL-GASS, MAGĦRUF BĦALA "PERMIS DE PERONNES ET ANDERLUES"

Wara t-talbiet tal-15 ta' Novembru 2008 u tal-24 ta' Diċembru 2009, il-kumpanija Ewropea Gas Benélux li l-uffiċċju reġistrat tagħha jinsab f'Boulevard de France 7, 1420, Braine-l'Alleud, Belgium talbet permess esklużiv għar-riċerka u l-esplorazzjoni ta' żejt u gass kombustibbli fir-Reġjun tal-Wallonja (il-Belġju) għal perjodu ta' 25 sena.

Din it-talba tinkludi ż-żona mogħtija fir-reġjun ta' Charleroi lill-kumpanija Distrigaz għall-esplorazzjoni ta' bjar b'ħażna ta' gass, li jinkorpora ż-żewġ siti ħdejn xulxin ta' Anderlues (Digriet Irjali tat-22 ta' Lulju 1976 u ta' Péronnes (Digriet Irjali tal-11 ta' Mejju 1979), jiġifieri l-konċessjonijiet 410, 420 u 430 li l-erja totali tagħhom hija 39,50 km^2. Hija tikkonċerna l-gass tal-mini li jinstab fl-ispazji residwi ta' mini li kienu jintużaw qabel u l-ipprospettar ta' gass fil-partijiet tad-depożiti mhux esplorati.

Il-perimetru taż-żona huwa definit hawn taħt permezz tas-sistema ta' koordinati Lambert 72:

Punti	X	Y
A'	140 185	125 649
B'	138 326	125 720
Z	137 500	125 968
P	134 795	125 984
O	134 012	125 759
O'	133 943	125 875
N'	132 292	124 843
N	132 385	124 743
Q	133 184	123 425
R	134 713	123 582
S	135 183	122 738
T	135 791	122 693

Punti	X	Y
J	135 881	122 372
D	140 053	121 870
1(A)	140 457	121 676
2(B)	144 006	120 817
3	143 975	121 692
4	143 865	122 895
5	143 759	124 071
6	142 876	124 162
7	142 368	124 145
8	142 168	125 068
9(W)	140 215	125 074

Ir-riċerka u l-esplorazzjoni tal-gass huma regolamentati permezz tad-Digriet Irjali Nru 83 tat-28 ta' Novembru 1939 dwar ir-riċerka u l-esplorazzjoni tal-blat tal-bitum, taż-żejt u l-gassijiet kombustibbli.

Il-Ministru għall-Ambjent, il-Ġestjoni tat-Territorju u l-Mobbiltà jistieden lill-persuni interessati f'din ir-riċerka u l-esplorazzjoni sabiex jippreżentaw applikazzjoni għall-permess, fi żmien disgħin jum li jibdew jgħoddu mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin.

Il-kundizzjonijiet għat-tressiq tal-applikazzjonijiet huma speċifikati fl-Artikolu 6 tad-Digriet tal-Gvern tal-Wallonja tad-19 ta' Marzu 2009 li jiddetermina l-forma u l-modalitajiet dwar kif se jitwettqu l-applikazzjonijiet għal permess esklużiv għar-riċerka u l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass kombustibbli u li jemenda d-Digriet tal-Gvern tal-Wallonja tal-4 ta' Lulju 2002 li jistabbilixxi l-lista ta' proġetti mressqa għal studju dwar l-inċidenza u tal-installazzjonijiet ikklassifikati. L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu akkumpanjati minn programm ta' riċerka jew esplorazzjoni.

It-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tad-drittijiet

Dawk li jressqu l-applikazzjoni inizjali u dawk li jressqu applikazzjonijiet kompetittivi għandhom jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tad-dritt, definiti fl-Artikoli 6(2) u (3) tad-Digriet tad-19 ta' Marzu 2009 msemmija.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra rreġistrata lill-Ministeru tal-Ambjent, il-Ġestjoni tat-Territorju u l-Mobbiltà fl-indirizz li ġej: rue des Brigades d'Irlande 4, 5100 Jambes, Belgium.

Il-Gvern tal-Wallonja se jieħu d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li ġejjin:

(a) il-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tal-applikanti;

(b) il-mod li bih jipproponu li jipprospettaw, jesploraw jew jipproduċu fiż-żona ġeografika inkwistjoni;

(c) meta jkunu ppreżentati diversi applikazzjonijiet b'merti ekwivalenti kemm fir-rigward tal-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-programm ta' riċerka u ta' esplorazzjoni:

— il-kwalità tal-istudji mwettqa minn qabel sabiex ikun definit il-programm ta' ħidma;

— l-effiċjenza u l-kompetenza li jiġġustifikaw l-applikanti fl-okkażjoni ta' awtorizzazzjonijiet eventwali oħra, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ħarsien tal-ambjent;

— il-prossimità eventwali ta' żona li diġà ġiet esplorata u sfruttata mill-applikanti;

— ir-riperkussjonijiet pożittivi maħsuba għall-iżvilupp tar-Reġjun tal-Wallonja u tal-attivitajiet teknoloġiċi fuq it-territorju tagħhom.

Speċifikazzjoni

L-ispeċifikazzjonijiet standard li fihom il-kundizzjonijiet u l-esiġenzi minimi relatati mal-eżerċitar u l-kontroll tal-attivitajiet ikkonċernati jinsabu fuq is-sit tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura, ir-Riżorsi naturali u l-Ambjent fl-indirizz li ġej: http://environnement.wallonie.be

Kull tagħrif kumplimentari ieħor jista' jinkiseb mis-Service public de Wallonie, Direction générale de l'agriculture, ressources naturelles et environnement – Avenue Prince de Liège 15, 5100 Jambes, Belgium mingħand is-Sur Marc Pirlet (Tel. +32 81336030, Posta elettronika: marc.pirlet@spw.wallonie.be).